MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1042/2003

**Economic and Management Consultancy Services Limited**

**Vs**

**Saviour Vella ezercenti l-kummerc bl-isem ta` Bathroom Styles u Bathroom Styles Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta` Mejju, 2003 fejn intalab sabiex il-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati li jhallsu s-somma ta` elf, tliet mija u tmenin lira, (Lm1,380) rapprezentanti bilanc ta` prezz dovut minnhom jew min minnhom rigwardanti servizzi ta` consultancy lilhom rezi fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 11 ta` April, 2003 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 18 ta` Settembru, 2003 fejn gew kontestati t-talbiet attrici fis-sens segwenti u cioe` (1) li l-konvenut Saviour Vella ma kienx il-legittimu kontradittur u kwindi kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (2) illi fir-rigward kif diretti lejn is-socjeta` konvenuta dawn ghandhom jigu respinti peress illi l-istess socjeta` attrici ma espletatx l-inkarigu lilha moghti; (3) illi l-kont huwa ezagerat u gia` thalset bizzejjed ghal xogholha; (4) b'riserva ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Evalwa n-nota ta` sottomissjonijiet prezentata mis-socjeta` attrici filwaqt li gie notat li l-konvenuti baqghu ma rreciprokawx.

Ikkunsidra.

Stefano Mallia xehed illi fis-sena, 1999, il-konvenuti kienu fitxew lis-socjeta` attrici sabiex taghtihom servizz ta` konsulenza. Sar inkontru ma` l-konvenut Vella f'Mejju ta` l-istess sena fejn gie lilu propost ix-xoghol li kien ser jigi prestat kif jidher minn Dok. SM1. Il-konvenut kien ghamililhom cara li s-servizzi kienu qed jigu rikjesti mis-socjeta` konvenuta. Dan ix-xhud jissokta jghid li s-socjeta` attrici fil-fatt ezegwiet is-servizzi kollha ndikati fil-proposta taghhom Dok. SM1 u f`liema proposta hemm indikat ukoll il-hlas relattiv li kellu jkun dovut. Sar anke ftehim dwar il-modalita` ta` pagament. Ix-xoghol kellu jitlesta f'xahrejn pero` kien dam aktar peress illi l-konvenut kien zidilhom aktar xoghol. L-ewwel zewg invoices ta` Lm575 u Lm800 thalsu, ghalkemm tard, pero` l-ahhar tnejn baqghu qatt ma thalsu sa llum. Anqas ghal xogholijiet ohra "extra" ma kienu thalsu l-atturi nonostante li kien gie debitament ezegwit u nhargu l-invoices relattivi. Ir-rata li tithallas biha s-socjeta` attrici hija ta` Lm25 fis-siegha ghal kull persuna. L-ammont hawn mitlub jirrifletti 88 siegha ghalkemm hadmu bhala hin aktar minn daqshekk. Dan ix-xhud isostni li l-klijent kien kuntent bis-servizz moghti tant illi rega` qabbadhom biex jifformawlu l-assoccjazzjoni tal-Bathroom suppliers u ghal liema xoghol l-istess atturi baqghu qatt ma talbu hlas ghall-istess. Il-klijent qatt ma

lmenta dwar is-servizz moghti hlief fl-ahhar meta beda jircievi l-kontijiet. Ix-xoghol ezegwit a beneficcju tal-konvenuti jinsab rifless fid-dokumenti mmarkati Dok. SM5, SM6 u SM7.

Din ix-xhieda ta` Mallia giet ikkoroborata fis-sustanza minn John Farrugia, direttur tas-socjeta` attrici li wkoll ikkonferma l-kontenut tad-dokumenti gia` ezebiti u mmarkati Dok. SM1 sa Dok. SM7. Jikkonferma wkoll li l-konvenut kien accetta l-modalita` ta` ripagamenti kif rivedut ghal darba, tnejn u difatti kien effettwa l-ewwel tnejn. Ighid ukoll li ghal xoghol extra mhux qed jitolbu hlas ghalih f'dawn il-proceduri. Izid ighid li ghalkemm id-diskors dejjem sar mal-konvenut, Saviour Vella, l-invoices kienu jinhargu fuq is-socjeta` konvenuta. Jispjega li l-konvenut kien baqa` jinqeda bis-servizzi tas-socjeta` attrici sakemm solvewlu l-problema li kellu mal-Bank u dana bhala xoghol addizzjonali. In segwitu li giet solvuta din il-problema li kellu, beda jirrifjuta li jhallas. L-ilmenti tieghu fil-fatt bdew jigu avvanzati biss wara li kien tlesta x-xoghol kollu. In kontro-ezami huwa jispjega li l-cash flow projections ghal Bank kien jirrapprezenta xoghol addizzjonali li qatt ma talbu hlas ghalih u li dan ma kienx jirrifletti x-xoghol originali miftiehem. Ma jaqbilx illi biex ghamel il-financial analysis kif inkarigat, kellu ta` bilfors jaghmel cash flow analysis ghal Bank u dana ghas-semplici raguni illi analizi finanzjarja nterna mhux bilfors tfisser l-istess analizi finanzjarja sabiex wiehed jipprezenta lill-facilita` bankarja.

Il-konvenut, Saviour Vella jiddikjara li ghalkemm kien hu li ftiehem ma` l-atturi, dan ghamlu ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u mhux f'ismu personali, liema servizz mitlub jikkonferma li kien dak li jidher f'Dok. SM1. Huwa jallega li ghalkemm ta l-informazzjoni kollha tas-socjeta` tieghu lill-atturi sabiex jigu ndirizzati l-problemi li kienu ghaddejjin minnhom, huwa baqa` ma rcieva ebda pjan ta` fejda. L-unika soluzzjoni offruta kienet biss tirrigwarda l-kwistjoni ta` kif ser nipprezenta l-cash flow ghal bank u xejn aktar. Jikkonferma pero` li kienu saru diversi laqghat (madwar hamsa) ma` ufficcjali tas-socjeta` attrici fejn giet lila spjegata s-sistema tal-cash flow. In kontro-ezami huwa jaqbel li x-xoghol indikat bhala Phase 1 f'Dok. SM1 kien

gie espletat filwaqt minn Phase 2 cioe` dwar ir-riorganizzazzjoni tal-kumpanija, ftit li xejn sar xoghol minn dan il-lat. Meta riskontrat b'Dok. SM5 u Dok. SM6 bhala xoghol ta` Phase 2 huwa wiegeb li SM5 jikkoncernaw semplici projections u kwindi mhux il-meritu ta` Phase 2 filwaqt li ma kienx cert fuq il-kontenut ta` Dok. SM6. Meta gie mistoqsi biex jaghti aktar dettal fuq il-kontestazzjoni tieghu dwar Dok. SM5 u SM6, jispjega li ghalkemm dawn id-dokumenti kienu gew mghoddija lilu meta saru x-xogholijiet u li kien anke qralhom, pero` issa ghadda hafna zmien u ma setax jiftakar bi precizjoni l-kontenut taghhom. Aktar 'il quddiem jispjega li ma kienx tekniku bizzejjed biex iwiegeb fuq Dok. SM6. Huwa jsostni li mhux minnu li qabbadhom fuq xoghol extra u ghalhekk ighid li x-xoghol li kien qabbadhom dwar il-formazzjoni ta` l-assoccjazzjoni, dan ghamlu fil-bidu u mhux fl-ahhar. Fi ftit kliem huwa jsostni li s-socjeta` attrici ghamlulu biss cash flow projection u xejn aktar. Fl-istess nifs pero` jikkonferma in segwitu li r-rapport SM6 jikkoncerna rapport dwar il-pozizzjoni tas-socjeta` konvenuta kif tidher in kompetizzjoni ma` kompetituri ohra taghha. Is-Sur Vella pprezenta s-sanction letter mahruga mill-HSBC a fol. 116 *et seq* tal-process mnejn jirrizulta li l-Bank kien accetta li jtihom facilita` bankarja pero` ma kienux accettaw proposta ta` moratorium ta` sena u ta` sentejn. Huwa jaqbel li l-ftehim ta` hlas mas-socjeta` attrici kien fl-ammont ta` Lm2,200 oltre l-VAT u li hu kien lahaq hallashom is-somma ta` Lm1,000 oltre l-VAT. Ghalhekk kien jifdal bilanc ta` Lm1,200 plus VAT.

Richard Saliba li kien jaghmel xoghol ta` accounts mal-konvenut jiftakar li l-klijent tieghu kien inkariga lill-atturi ghal xoghol ta` konsulenza peress li kienu ghaddejjin minn perjodu difficli finanzjarjament. Kienu saru diversi laqghat mas-socjeta` attrici fejn gew diskussi xi projections dwar figuri ta` bejgh pero` huwa ma kienx qed jaqbel mas-suggerimenti mressqa minnhom. Jaf li anke kienet qed tigi prospettata kampanja ta` marketing mis-socjeta` attrici. Fil-fatt l-istess socjeta` attrici kienet anke ntroduciet lill-konvenut ma` advertising agency. Jaf ukoll li r-rapport imhejji mis-socjeta` attrici kien spicca ghand il-Bank u gharfu bhala dak ezebit u mmarkat Dok. SM7. In

kontro-ezami pero` huwa jammetti li ma kienx f'pozizzjoni li jixhed f'aktar dettal dwar x'ghadda bejn il-klijent tieghu u s-socjeta` attrici peress li l-involviment tieghu kien minimu. Huwa jirrikonoxxi l-fatt pero` li l-ammont miftiehem bejn iz-zewg nahat kien ta` Lm2,200 u li s-socjeta` konvenuta kienet halset parti minnu.

Illi mill-assjem tal-provi ghandu jirrizulta fl-ewwel lok minghajr ebda dubbju li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet inholqot strettament bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti u li l-konvenut Saviour Vella *di proprio* mill-bidu nett jidher li kien ghamilha cara li huwa kien qed jagixxi bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali. Fil-fatt, ir-rapporti kollha mhejja mis-socjeta` attrici lkoll jirreferu ghan-negozju tas-socjeta` kummercjali u mhux ghal dik ta` Saviour Vella personalment.

Illi mill-banda l-ohra, pero` dan it-Tribunal huwa daqstant iehor konvint illi s-socjeta` attrici fil-fatt espletat l-inkarigu lilha moghti minghand is-socjeta` konvenuta. Dana ghandu jirrizulta mhux biss mid-dokumenti u rapporti ezebiti u kif ukoll mhux biss mix-xhieda prezentati mill-istess socjeta` attrici izda anke mix-xhieda mressqa mill-istess konvenuti partikolarment, l-istess Saviour Vella nnifsu. Dan id-direttur tas-socjeta` konvenuta jikkonferma l-ammont miftiehem u li huwa kien biss hallas somma akkont. Jikkonferma li kien ircieva r-rapporti kollha minghand is-socjeta` attrici u li kien qralhom. Jistqarr ukoll li nonostante cio`, huwa kien beda juri n-nuqqas ta` soddisfazzjon dwar is-servizz moghti biss wara li beda jircievi l-istatements. Ma jidhirx illi ma` l-andament tax-xoghol qatt wera jew ta xi ndikazzjoni li ma kienx qed jigi soddisfatt bix-xoghol prestat. Inoltre, meta kkonfrontat biex jaghti aktar spjegazzjoni dettaljata fuq l-ilmenti tieghu, partikolarment fil-konfront ta` Dok. SM5 u Dok. SM6 huwa beda jwiegeb b'mod evasiv u sa fl-ahhar qal li ma kienx tekniku bizzejjed. Fi kliem iehor, ma kien konvincenti xejn fl-ispjegazzjonijiet minnu mressqa ghall-oggezzjonijiet tieghu.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jacta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi fl-ewwel lok, jilqa` l-ewwel eccezzjoni

sollevata mill-konvenuti, jiddikjara li l-konvenut Saviour Vella *di proprio* mhux il-legittimu kontradittur u kwindi jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez gudizzjarji relattivi a karigu tas-socjeta` attrici; fit-tieni lok, it-Tribunal qieghed jirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-konvenuti, kwindi jilqa` t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta, Bathroom Styles Limited sabiex thallas lis-socjeta` attrici, s-somma mitluba ta` Lm1,380, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza relattivi ghal din il-parti tad-decizjoni a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------